**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 79/2019 (BS), wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 122/2019 (BS), fl-istess fl-ismijiet:**

**Joseph Cassar et**

**-vs-**

**Jason Mifsud et**

**Illum, 28 ta' Frar, 2022**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Jason Mifsud, Kevin Vella, Ivan Saliba u Stephan Spiteri għar-Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi illi esponew:-**

Illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju tagħhom, l-intimati konjugi Cassar talbu lil din l-Onorabbli Qorti l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarji indikati kontra s-sekwestrati għall-ammont ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) u dan allegatament in kawtela ta' danni sofferti mis-sekwestranti li kkawża nar u nfirex fl-għelieqi tas-sekwestranti fl-inħawi ta' Għammar fl-Għasri, Għawdex li seħħ fid-9 ta' Ġunju, 2019;

Illi din l-allegazzjoni u t-talbiet tal-konjugi Cassar ġew debitament opposti mill-esponenti;

Illi dan il-Mandat ta' Sekwestru ġie debitament akkordat fis-17 ta' Ottubru, 2019 fil-konfront tal-istess esponenti;

Illi bis-saħħa tal-imsemmi Mandat ta' Sekwestru, l-esponenti spiċċaw vittma tal-azzjonijiet tal-konjugi Cassar tant li għal aktar minn sentejn sfaw bil-kontijiet bankarji tagħhom magħluqa u ma jistgħux iħaddmu l-fondi tagħhom b'mod liberu. Dan anke minħabba l-fatt illi l-ammont kawtelat, jinsab sekwestrat mingħand kull wieħed mis-sekwestrati;

Illi dan kollu qiegħed jippreżenta diffikultajiet serji fl-azzjonijiet tal-esponenti partikolarment fit-twettieq tan-negozju tagħhom kif ukoll fl-avvanzi personali tagħhom;

Illi hekk pereżempju, l-esponenti Jason Mifsud, li jaħdem fil-qasam tal-arti piroteknika u jeħtieġ li jakkwista materjal in konnessjoni ma' dan, ġieli f'xi drabi minn barra minn Malta, qed ikollu diffikultajiet serji sabiex jeffettwa tali pagamenti jew addirittura spiċċa prekluż milli jakkwista minn barra minn Malta;

Illi l-istess Jason Mifsud wkoll qiegħed kontinwament jaffaċċa problemi sabiex il-faċilita' bankarja (loan) tiegħu tkun tista' tiġi mħallsa;

Illi l-esponenti Kevin Vella kien parti f'konvenju dwar xiri ta' propjeta' residenzjali sabiex jistabilixxi r-residenza personali tiegħu, liema konvenju sfaxxa per konsegwenza ta' dan il-Mandat għaliex il-Bank ma pproċediex biex jawtorizza l-facilita' bankarja relattiva. Dan minbarra obbligi oħra fosthom ħlasijiet tal-manteniment u ħlasijiet ta' kontijiet u obbligi oħra;

Illi l-esponenti Stephan Spiteri qiegħed jesperjenza konsegwenzi finanzjarji serji stante li huwa l-unika 'bread winner' kif ukoll peress li għandu obbligi finanzjarji fosthom faċilitajiet finanzjarji u in konnessjoni ma' dawn hemm multi qed ibatihom l-istess mittenti minħabba nuqqas ta' ħlas;

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-konvenut Michaelangelo Mercieca ħalla din id-dinja fl-eta' tenera ta' tnejn u ħamsin (52) sena u dan possibilment minħabba l-istress qawwi li ġie kkawżat per

konsegwenza ta' dawn il-proċeduri inkluż ukoll partikolarment dan il-Mandat ta' Sekwestru;

Illi dan kollu indubjament għalhekk qiegħed jirreka danni fil-konfront tal-istess esponenti u dan kif evidenzjat u kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Illi huwa fatt ukoll li l-effetti ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru qiegħed jirreka danni lill-istess esponenti, liema sitwazzjoni ormai pperdurat għal aktar minn sentejn;

Illi kollu qed jissarraf fi pregudizzju gravi u f'danni għall-esponenti;

Illi l-Artikolu 838 A tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Il-qorti tista', meta tintwera kawza gursta glial dan, malli ssirillin talba b'rikors mill-persunn li kontrila jkun inhareg att knwtelatorju, tordna lil dik il-parti li*
>
> *tkun talbet il-lırug tal-att kawtelatorju! sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hilas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u igliax, u fin-1uqgas, li trelilii l-att kawtelatorju."*

Illi r-rikorrenti qed jirriservaw minn issa l-jedd tagħhom li jipproċedu għal danni fil-konfront tal-intimati konjugi Cassar b'dan pero' li huma ser ikunu qed jitolbu illi l-istess konjugi Cassar jiddepożitaw garanzija fit-terinini tal-Artikolu 838A tal-Kap. XII fuq ċitat;

Illi dan l-Artikolu ġie fil-fatt esperit b'suċċess f'numru ta' proċeduri u garanziji simili ġew debitament imposti f'numru ta' proċeduri analogi għal dik odjerna inkluż:

- Fil-proċedura fl-ismijiet John Farrugia et vs Noel Chetcuti et (Prim' Awla tal-Qorti Civili - deċiża fis-17 t'Awwissu, 2010 (Rik. Ġur. Nru. 903/2009 JRM)) - hawn ġiet imposta garanzija ta' €8,000;

- Fil-proċedura fl-ismijiet Mario Azzopardi et vs Suzanne Sammut (Prim' Awla tal-Qorti Civili - deciza fit-3 t'Awwissu, 2009 (Rik. Gur. Nru. 746/2008 JRM) - hawn hekk ġiet imposta garanzija ta' €10,000;
- Fil-proċedura fl-ismijiet Elizabeth Patricia Wetton et vs Mariosa Galea Mercieca et (Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali - dekretat 17 ta' Dicembru, 2021 (Rik. Ġur. Nru. 60/2021 (Mandat ta' Inibizzjoni 26/2021) - hawn ġiet imposta garanzija ta' €8,900;
- Fil-proċedura fl-ismijiet Bruno Romano' vs Blaschem (Malta) Limited (Prim' Awla tal-Qorti Civili - deċiża fit-23 ta' Lulju, 2003 (Rik. 1906/2001 JRM) - f'dan il-kaz ġiet imposta garanzija ta' LM 40,000;

Illi r-rikorrenti jemmnu illi l-istess insenjament ghandu japplika fil-każ odjern;

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna lill-intimati konjugi Cassar sabiex fi żmien li għandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti għal dan il-għan huma jiddepożitaw garanzija xierqa - hekk kif tista' tiġi determinata minn din l-Onorabbli Qorti stess - għall-ħlas ta' kwalunwe penali u / jew danni u/jew imgħax fit-termini tal-Artikolu 838 A tal-Kap. XII fuq ċitat; u fin-nuqqas li jsir dan;
2. Tordna li jitneħħa u jiġi għal kollox revokat l-att kawtelatorju fuq imsemmi;

Dan taħt dawk il-provvedimenti illi din l-istess Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa u opportuni skond il-każ.

**Rat ir-risposta ta' Joseph Cassar u Cettina Cassar għar-Rikors ta' Revoka tat-3 ta' Jannar 2022 tas-soċjetà Road Construction Co. Ltd illi esponiet:**

Illi dan huwa esponenti billi qegħdin jirrikorru għall-proċedura kemm xejn differenti minn dik kontemplata that l-artikolu 836 tal-Kap. XII wara li t talba tagħhom tat-23 tà Ottubru 2019, għar-revoka tal-Mandat tà Sekwestru Kawtelatorju numru 122/2019 li saret taħt dak l-artikolu tal-liġi kienet ġiet miċħuda. Din id-darba t-talba tal-intimati hi msejsa taħt l-Artikolu 838A tal-istess Kap. XII dwar l-impożizzjoni tal-garanzija fuq l-atturi eżekutanti, intiża biex titpoġġa pressjoni bla bżonn fuq l-esponenti eżekutanti f'attentat biex l-eżekutati jaqtgħulhom qalbhom fil-kawża li qed jagħmlu l-esponenti għall-ħlas tad-danni li soffrew konsegwenza ta' nar estensiv kaġunat minn ħruq tà murtali u murtaletti tal-festa li qered għal kollox ir-raba' u l-prodott tal-esponenti u mminalhom l-għajxien tagħhom, għal liema nar l-esponenti jattribwixxu r-responsabbilità tà dak li ġara fuq il-konvenuti.

Illi kif ġie ritenut fid-digriet tal-4 ta' Ottubru 2018, moghti fl-atti tar-Rikors numru 848/2018 wara l-mandat tà sekwestru numru 1306/2018 fl-ismijiet: Portem Brew and Leisure Ventures Ltd. *vs* DAAA Haus Ltd. [P.A. per Onor. Grazio Mercieca] illi "*l-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra l-ezekutata mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tiegħu ghandu jinghata garanzija, izda l-ligi trid ukoll, barra l-ħrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta. Mhux bizzejjed li eventwalment jistà jirrizulta li l-ezekutant ma jihux ragun fil-mertu. Irid ikun hemm abbuz mill-procedura gudizzjarja, li jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezerċizzju tà dritt ma jistà qatt jwassal ghar-responsabbiltà ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibbli mil-ligi.*" Il-Qorti fil-fatt ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-garanzija.

Illi wara li l-Qorti teżamina r-ritratti esibiti fl-atti senjatament ir-ritratt meħud mill-ajru permezz ta' *drone* tasal biex tifhem id-

devastazzjoni enormi tal-ħsara li sofrew l-esponenti li ġiet ikkawżata kawża tan-nirien li ħakmu l-għelieqi tagħhom u qerdu għal kollox is-siġar tal-frott u taż żebbuġ u d-dwieli li kien hemm ikkultivati fir-rabà tal-esponenti. Bla dubbju l-ħsara sofferta tà din il-qerda kollha tammonta għal eluf kbar tà ewro f'danni, li ċertament kienet "kawża ġusta" li l-esponenti kellhom jitolbu l-ħruġ tal-mandat fil-konfront tal-intimati li kienu kollha preżenti fis-sit mal-intimat Jason Mifsud fejn inħaraq in-nar tal-ajru.

Illi l-esponenti ma rrikorrewx għall-ħruġ tal-mandat b'kapriċċ jew b' "abbuż mill-proċedura ġudizzjarja", anzi kienu kostretti li jagħmlu l-mandat biex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom wara li rriżultalhom li sa erbgħa xhur wara l-ispedizzjoni tal-ittra uffiċjali, l-intimati lanqas biss kienu għamlu l-*claim* tagħhom mal-kumpannija tal-assikurazzjoni minkejja li kienu ben konxji tal-ħsara kbira li kienet saret lill-esponenti, u l-kumpannija tal-assikurazzjoni għadha sallum tiċħad ir-responsabbilità għall-ħsara kollha li ġiet ikkawżata.

Illi bil-ħruġ tal-mandat is-somma ta' flus li ġiet issekwestrata mingħand l-eskutati kollha flimkien lanqas tammonta għal nofs id-danni li ġew sofferti mill-esponenti u li qegħdin jirreklamaw il-ħlas tagħhom mingħand l-intimati.

Illi *nonstant*e l-ħruġ tal-mandat fil-konfront tal-intimati, huma xorta waħda baqgħu u għadhom jirċievu l-paga tagħhom regolarment billi kollha għandhom impjieg fiss apparti u separatament mid-delizzju pirotekniku tagħhom, u r-raġunijiet li ġabu l-intimati fir-rikors tagħhom li l-mandat li sar fil-konfront tagħhom qed jippreżentalhom ċerta diffikultajiet, dawn ma jistgħux jitqiesu "raġunijiet serji u impellanti" meta mqabbla mad-devastazzjoni tal-ħsara li soffrew l-esponenti eżekutanti bin-nirien li qerdilhom ħwejjiġhom u mminalhom l-għajxien tagħhom, għandhom iwasslu lil din il-Qorti tagħti s-sanzjoni estrema billi timponi l-prestazzjoni tal-garanzija u fin-nuqqas tħassar il-mandat kif qegħdin jitolbu huma. Fid-digriet fl-ismijiet: Dr. Henrì Mizzi vs JEBMED S.r.l. tat-12 tà Settembru 2019, fl-atti tar-Rikors numru 780/2019 għall-ħruġ tà Kontro-Mandat għall-Mandat tà Sekwestru numru 964/19, il-

Prim'Awla tal-Qorti spjegat li: "*l-ligi trid li lill-Qorti tintwera 'kawza gusta' biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti tà mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-mandat ma jitqiesx bhala 'kawza gusta' ghall-finijiet tà dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellanti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili;*

*Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-ezekutat jistà jipprova li jkun garrab direttament minhabba l hrug tal-att kawtelatorju u bhala konsegwenza ta' tali hrug, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex thares il-pretensjonijiet taghha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-mandat. Ta' min jghid hawnhekk li l-ordni biex tinghata garanzija mhijiex l-istess bhal kundanna tà penali jew kundanna ghall-hlas tà danni: l-ghan wahdieni taghha huwa li tqiegħed lill-parti ezekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm procedura jew kawza ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tistà tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha*". It-talba għall-ħruġ tal-garanzija kienet ukoll ġiet miċħuda.

Illi dwar id-"diffikultajiet serji" li jsemmi l-intimat Jason Mifsud biex jagħmel pagamenti għax-xiri tà porvli minn barra biex jaħdem in-nar tal- ajru, dawn is-sentejn li għaddew minn kemm ilu li sar il-mandat ma saru ebda festi reliġjużi esterni minħabba l-pandemija u d-domanda għal ħruq tal-logħob tan-nar kienet ċertament waħda ferm limitata kważi ineżistenti meta paragunata mal-logħob tan-nar tal-ajru li kien jinħaraq fil-festi esterni sas-sena 2019.

Illi wara li din il-Qorti tqis u tifli l-pożizzjoni tal-partijiet għandha tasal biex tiċħad it-talba tal-eżekutati billi fl-umili fehma tal-esponenti ma rnexxilhomx iġibu prova ta' "raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellanti" illi jistgħu jikkostitwixxu "kawza ġusta" illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tistà tasal biex tordna l-ħruġ tal-garanzija. Inoltre l-eżekutati ma wrewx li l-esponenti mxew b'mod li jwassal lil din il-Qorti biex torbothom bl-għoti ta' garanzija fil-kundizzjonijiet li taħseb dwarha l-liġi.

Għar-raġunijiet suesposti, it-talbiet tal-intimati għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar, 2022 mill-konvenuti.

Rat ir-risposta ta' l-atturi ippreżentata fl-14 ta' Frar, 2022.

Rat id-dokumenti prodotti.

Semgħet ix-xhieda prodotta kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

L-Art. 838A tal-Kap. 12 jipprovdi illi :-

"*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, mall issirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

Minn qari ta din id-disposizzjoni jirriżulta ċar illi jinkombi fuq il-konvenuti, llum rikorrenti, l-oneru li juru raġuni tajba sabiex il-Qorti timponi l-għoti tal-garanzija fuq l-atturi llum intimati. Il-ħruġ tal-mandat *per se* ma jikkostitwix "raġuni ġusta" jew "raġuni tajba" għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Ir-raġuni trid tkun serja u impellenti stante li l-garanzija ma tinħariġx sempliċiment għaliex il-konvenuti huma s-sekwestrati u qiegħdin isofru disaġju minħabba l-mandat. Li kieku kien hekk din tinħareg ma' kull mandat kawtelatorju. Il-garanzija tinħareġ jekk jirriżulta lill-Qorti li hemm nuqqas ta' *bona fede* jew abbuż serju tal-proċedura – fatt li din il-Qorti ma rriskontratx fil-każ preżenti.

Irid jingħad ukoll li lanqas ma hu biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-atturi ma joħdux raġun fil-mertu. Biex it-talba tal-

konvenuti tirnexxi dawn kien jenħtiġilhom jippruvaw li l-atturi abbużaw mill-proċedura ġudizzjarja. Dan it-tip ta' abbuż jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm abbuż bħal dan f'din il-proċedura.

Għaldaqstant billi din il-Qorti ma ngħatat ebda raġuni tajba għala għandha timponi l-garanzija skont l-Art 838A tal-Kap 12, Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tiċħad it-talbiet tal-konvenuti.

Spejjeż a kariku tal-konvenuti.

Mogħti kameralment illum 28 ta' Frar, 2022

Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

Dorianne Cordina
Dep./Reġistratur